# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 893

KAZ NRU. 794

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Sandra Jenkins

u

Zammit Clapp Hospital
kif rapprezentata mis-sur
Michael J. Mallia - Chairman

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data : 17 ta' Novembru 1997

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

Din il-kwistjoni tax-xoghol kienet giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani bl-ittra data 13 ta' Awissu, 1993 Ref. 2/93 Vol. 11/54 biex tigi processata skond l-Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellanta Sandra Jenkins kienet assistita mill-avukat J. Brincat waqt li Zammit Clapp Hospital kien rapprezentat mis-sur Michael J. Mallia, Chairman u s-sur Mario Callus, ex General Manager, u fl-ahhar seduti is-sur Joseph Micallef,

General Manager, li kienu assistiti mis-sur Alfred Mallia Milanes.

Bid-Decizjoni Nru. 544 tal-20 ta’ Jannar, 1994, dan it-Tribunal kien irrispinga l-eccezzjoni tal-parti appellata li t-Tribunal ma kellux kompitu jisma’ l-kaz ghar-raguni li skond is-Socjeta’, Jenkins kienet tkecciet waqt il-”probation”.

Sussegwentement il-parti appellata cioe’ Zammit Clapp Hospital ikkontestat id-decizjoni tat-Tribunal fil-Prim Awla tal-Qorti Civili presedut mill-Onor. Imhallef Joseph Said Pullicino B.A.,LL.D. li bis-sentenza taghha ta’ l-Erbgha, 5 t’Ottubru 1994, ikkonfermat id-decizjoni tat-Tribunal.

Il-parti appellata appellat mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, li wara li semghat it-trattazzjonjiet taz-zewg partijiet fis-seduta tal-Hamis, 13 ta’ Frar 1997, il-Qorti tal-Appell maghmula mill-Imhalfin Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D, Onor. Noel V. Arrigo, LL.D. u l-Onor. Giannino Caruana Demajo B.A., LL.D. irrispingiet l-Appell u kkonfermat is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Ghaldaqstant, it-Tribunal ghadda biex jisma’ l-meriti tal-kaz, kif kien gie deciz fid-Decizjoni Nru. 544.

It-Tribunal zamm erbghatax (14)-il seduta, li fihom sema’ ghadd ta’ xhieda.

Peress li z-zewg partijiet bil-volonta’ tajba taghhom reciproka u l-intervent tac-Chairman waslu fi ftehim bonarju bejniethom, it-Tribunal jiddikjara li ma ghandux ghalfejn jiehu izjed konjizzjoni tal-kaz.

Ghall-finijiet ta’ drittijiet li jridu jithallsu lid-difensuri tal-partijiet, it-Tribunal jiffissa li dawn ghandhom ikunu ta’ erbghin liri maltin (Lm40) lil kull wiehed.

B’hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

--------------------
**Carmel Debono**
**CHAIRMAN**

------------------
**Edwin Spiteri**
**A/Segretarju**

mrg